**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 21 ta' Lulju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Frankie Sammut**

**Vs**

**Pavlovikj Dejana**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Pavlovikj Dejana, 53 sena ta' nazzjonalita Macedona, imwielda gewwa Skopje fil-21 ta' Novembru 1963, bint Trajko u Kostaoinka, residenti gewwa 126 Triq Rodolfu Sliema, Permess ta' residenza numru 134206A;

Talli fl-20 ta' Lulju 2016 u jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer:

1) Kisbet xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi Awtorita pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taghrif falz;

2) Kif ukoll akkuzata talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija;

3) Kif ukoll akkuzata talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifikat, biddlet jew ghamlet xi tibdil f'Passaport, jew uzat jew kellha fil-pussess taghha xi Passaport, li hi kienet taf li gew iffalsifikati, mbiddla jew sar xi tibdil fihom;

4) Kif ukoll akkuzata talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorita legittima uzat jew kellha fil-pussess teghha xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun iffalsifikat maghmul skond l-Att dwar Immigrazzjoni.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni f'dawn il-proceduri, fil-21 ta' Lulju 2016, li giet ikkonfermata minnha wara li nghatat z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 188(1) u 189 tal-Kap 9, l-Artikolu 5 tal-Kap 61 u l-Artikolu 32(1f) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputata;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**